MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 76/2005

**Ahmet Ciplak**

**Vs**

**Andrew Abela**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni in esami li biha l-attur, wara li ippremetta illi b'avviz pprezentat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet Andrew Abela vs Ahmet Ciplak (Avviz No 1686/03PM) il-konvenut talab illi l-attur Ahmet Ciplak jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf erba' mija tlieta u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,493.30) rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura proprjeta' tal-konvenut b'segwitu ta' incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta' Mejju 2003 gewwa Main Street, San Giljan; u

Premess illi permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-10 ta' Gunju, 2004, it-Tribunal

jikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenut is-somma ta’ elf erba’ mija tlieta u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,493,30) bl-imghax u bl-ispejjez; u

Premess illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza, l-attur qatt ma gie notifikat bl-avviz u bil-mozzjoni tas-smiegh, u dan minhabba l-fatt illi n-notifika permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni saret f’indirizz zbaljat, u mhux fir-residenza tal-attur liema notifika saret f’indirizz illi l-attur m’ghandu l-ebda konnessjoni mieghu; u

Premess illi kien biss xahrejn ilu, u wara li s-sentenza fuq imsemmija ghaddiet f’gudikat, illi l-attur sar jaf bis-sentenza moghtija kontra tieghu, u dan minghand impjegat li jahdem mas-socjeta’ assiguratrci Elmo Insurance Agency Limited, li gharrfitu b’din is-sentenza; u

Premess illi ghalhekk hemm lok ta’ ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet Andrew Abela vs Ahmet Ciplak (Avviz No 1686/03 PM) li giet deciza fl-10 ta’ Gunju 2004, a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Andrew Abela vs Ahmet Ciplak (Avviz No 1686/03PM) li giet deciza fl-10 ta’ Gunju 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess attur (fol 2 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi b’Avvizipprezentat quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet Andew Abela vs Ahmet Ciplak (Avviz No, 1686/03PM) il-konvenut talab illi l-attur Ahmet Ciplak jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elf erba’ mija tlieta u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,493.30)

rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura proprjeta' tal-konvenut b'segwitu ta' incident awtomobilisitku li sehh il-31 ta' Mejju 2003 gewwa Main Street, San Giljan ;u
2. Illi permezz ta' sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-10 ta' Gunju 2004, it-Tribunal ikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenut is-somma ta' elf erba' mija tlieta u disghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,493,30) bl-imghax u bl-ispejjez; u
3. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza, l-attur qatt ma gie notifikat bl-avviz u bil-mozzjoni tas-smiegh, u dan minhabba l-fatt illi n-notifika permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni saret f'indirizz zbaljat, u mhux fir-residenza tal-attur, liema notifika saret f'indirizz illi l-attur m'ghandu l-ebda konnessjoni mieghu; u
4. Illi kien biss xahrejn ilu, u wara li s-sentenza fuq imsemmija ghaddiet f'gudikat illi l-attur sar jaf bis-sentenza moghtija kontra tieghu, u dan minghand impjegat li jahdem mas-socjeta' assiguratrici Elmo Insurance Agency Limited, li gharrfitu b'din is-sentenza; u
5. Illi ghalhekk hemm lok ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Rat kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa maghha.

Rat id-digriet Taghha tal-14 ta' Frar 2005 a fol 6 u 7 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 18 ibid) u li biha eccepixxa:-

Illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni mhiex ikkontemplata mill-ligi fir-rigward ta' sentenzi moghtija mit-Tribunal ghat-Talbet Zghar. Dan ir-rimedju huwa mahsub biss fir-rigward ta' sentenzi moghtija minn Qorti. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar mhuwiex 'Qorti' skond l-Artikolu 2 u 3 tal-Kapitolu 12 u ghalhekk id-disposizzjonijiet ta' ritrattazzjoni ma jistghux jigu applikati f'dan il-kaz, kif gja gie deciz mill-Qorti tal-Appell (1139/2002/PS) fil-kawza bl-ismijiet Dennis Mifsud vs Albert Degiorgio fl-11 ta' Frar 2004;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-premessi kontenuti fic-citazzjoni hawn fuq indikata, huma infondati

fil-fatt u fid-dritt, stante li n-notifika fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar fl-ismijiet Andrew Abela vs Ahmet Ciplak (Avviz No 1686/03PM) saru skond kif rikjesti mill-ligi u fl-indirizz indikat minn Ahmet Ciplak lill-Pulizija.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata mill-konvenut a fol 19 ibid kif ukoll il-lista tax-xhieda hemm annessa (fol 19 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 23 tal-atti waqt is-seduta tal-15 ta’ Gunju 2005 kif ukoll in-nota tal-osservazzjonijiet tal-istess konvenut a fol 25 et seq ibid, li, pero’, baqghet minghajr nota responsiva da parti tal-attur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza hi limitata ghad-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut li fis-sustanza, tghid, illi r-rimedji ta’ ritrattazzjoni mitlub mill-attur, ma hux disponibbli f’kazijiet ta’ decizjonijiet finali moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet z-Zghar, istitwit permezz tal-Att numru V tal-1995 (Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta). Difatti dan il-kaz jittratta dwar talba sabiex tithassar u tigi revokata sentenza moghtija, it-Tribunal msemmi fl-10 ta’ Gunju 2004 fl-ismijiet inversi (Avviz numru 1685/03PM) u r-ritrattazzjoni minn din il-Qorti tal-istess kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din it-talba hi basata fuq l-Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 gja citat li jghid illi sentenza ghandha tigi mhassra u l-kawza relattiva tigi ritrattata f’kaz li “….c-citazzjoni ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa, basata li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza”.

Illi l-artikolu citat jsemmi biss, ‘….sentenza moghtija fi grad ta‘ appell’. Pero l-istess artikolu 811 ibid gie estiz, ukoll, ghal ritrattazzjoni ta’ sentenzi minn Qorti tal-ewwel grad.

Illi, inoltre, jigi notat ukoll illi l-artikolu 814 ibid jispecifika, illi talba bhal dik in esami "…. Ghandha ssir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata….".

Illi, fl-ahhar nett, l-artikolu 815 ibid jindika b'liema att gudizzjarju tista ssir talba hlief dik in esami fil-Qrati superjuri u fil-Qrati inferjuri.

Ikkunsidrat

Illi, mill-artikoli kollha citati, jidher car illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni ta' kawza li hu wiehed ta' natura straordinarja, jista jigi uzat, biss f'ka ta' sentenzi finali moghtija minn Qorti.

Illi l-istess Kaptiolu 12, fl-artikolu 3 u 4 jelenka liema huma l-Qrati Superjuri u Inferjuri Maltin u, fl-ebda waqt ma hu msemmi illi t-Tribunal imsemmi jista' jigi kunsiderat bhala wiehed mill-Qrati.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti esaminat ukoll l-imsemmi Kapitolu 380 sabiex tara jekk f'din il-ligi, ir-rimedju in esami gie rez disponibbli f'kaz bhal dak in esami u dan billi l-artikolu 811(b) gie rez applikabbli ghal sentenza moghtija mit-Tribunal msemmi. Filfatt jidher mill-istess ligi illi l-istitut ta' ritrattazzjoni ma hu msemmi imkien u b'hekk dan ir-rimedju ma giex rez applikabbli ghal kazijiet diversi finalment mill-istess Tribunal.

Ikkunsidrat

Illi, in riassunt, il-konkluzjoni ghandha tkun illi, kif qed jsostni l-konvenut fl-eccezzjoni in esami, ir-rimedju mitlub fic-citazzjoni promotrici ma hux disponibbli ghal sentenzi u decizjonijiet finali moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar minhabba li:-

a) l-istess Tribunal ma hux 'Qorti' ghar-ragjuni hemm fuq premessa;

b) anke jekk ghal grazzja tal-argument, l-istess Tribunal seta’ jkun konsiderat bhala tali, talba ghar-revoka tas-sentenza u ghar-ritratazzjoni konsegwenzjali setghet saret biss, quddiem il-Qorti li ppronunzjat l-istess sentenza. F’dan il-kaz dak specifikat fl-artikolu 814, kif hawn fuq citat ma giex segwit.
c) Ma nstab xejn fil-Kapitolu 280 citat li seta’ jindika illi l-artikolu 811(b) jista’ jkun appikabbli ghal sentenza bhal dik in desamina.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici. Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------